KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 24.5.2011
SEG(2011) 616 finali

**DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

# SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT DWAR L-AĊĊESS ONLINE TRANSKONFINALI GĦAL XOGĦLIJIET ORFNI

***Jakkumpanja d-dokument***

**Propasta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ċerti użijiet awtorizzati ta' xogħlijiet orfni**

{KUMM(2011) 289 finali}
{SEG(2011) 615 finali}

## Sommarju Eżekuttiv

Il-valutazzjoni tal-impatt titratta l-awtorizzazzjonijiet tad-dritt tal-awtur meħtieġa sabiex l-hekk imsejħa "xogħlijiet orfni" jkunu disponibbli online bħala parti mill-libreriji nazzjonali u Ewropej. Xogħlijiet orfini huma xogħlijiet li drittijiet tal-awtur tagħhom ma jistgħux jiġu identifkati jew traċċati.

Il-valutazzjoni tal-impatt kienet ġiet diskussa fi tliet laqgħat ta' grupp ta' direzzjoni bejn is-servizzi fil-11 ta' Marzu, u s-16 u s-27 ta' April 2010. Fis-16 ta' Ġunju 2010, ġiet diskussa quddiem il-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt (Impact Assessment Board (IAB)). L-IAB ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Ġunju 2010.

*Deskrizzjoni tal-problema*

L-awtoritzzazzjonijiet minn qabel huma meħtieġa biex xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur ikunu disponibbli għall-pubbliku f'librerija diġitali online. Meta l-proprjetarju tad-dritt tal-awtur rilevanti ma jistax jiġi identifikat jew misjub, ix-xogħlijiet inkwistjoni huma xogħlijiet orfni. Għaldaqstant, ma jkunux jistgħu jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa biex dawn ix-xogħlijiet isiru disponibbli online. Libreriji, arkivji u istituzzjonijiet oħrajn tas-servizz pubbliku li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku xogħlijiet online mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, jissograw li jiksru d-dritt tal-awtur.

*Il-kuntest politiku*

L-għan ewlieni ta' din il-proposta huwa li jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' qafas legali li jirregola l-aċċess online legali u transkonfinali għal xogħlijiet orfni li jinsabu f'libreriji diġitali u fl-arkivji.

Il-valutazzjoni tal-impatt tispjega li, minħabba l-urġenza biex tingħata spinta għall-iżvilupp tal-libreriji diġitali tal-Ewropa u l-kapaċità tiegħu li jrawwem teknoloġiji ta' tiftix u indiċjar, il-punt fokali tal-proposta leġiżlattiva ser ikun fuq xogħlijiet li huma ppubblikati fil-forma ta' kotba, ġurnali, gazzetti, rivisti jew kitbiet oħrajn: li jinkludu xogħlijiet inkorporati fihom, [1]kif ukoll xogħlijiet awdjo, ċinematografiċi u awdjoviżivi. It-titjib fil-faċilitajiet ta' tiftix online ser iżid l-aċċessibbiltà ta' miljuni ta' sorsi li jinsabu fil-libreriji Ewropej fuq bażi kemm nazzjonali kif ukoll transkonfinali.

Din l-inizjattiva tibni fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2006 dwar id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibbiltà online tal-kontenut kulturali u l-konservazzjoni diġitali[2]. Minkejja r-Rakkomandazzjoni, ftit biss mill-Istati Membri implimentaw leġiżlazzjoni fuq ix-xogħlijiet orfni. Il-ftit soluzzjonijiet nazzjonali eżistenti huma ristretti mill-fatt li jillimitaw l-aċċess online għal ċittadini residenti fit-territorji nazzjonali tagħhom.

---

[1] B'kuntrast, ikun diffiċli ħafna li jiġu identifikati l-proprjetarji ta' kollezzjonijiet sħaħ ta' ritratti li l-provenjenza tagħhom ma tkunx magħrufa. In-nuqqas ta' attribuzzjoni jew informazzjoni oħra ta' identifikazzjoni jirrendi t-tiftix diliġenti partikolarment diffiċli. Barra minn dan, it-teknoloġija biex isir tiftix viżiv ipparagunat ma tiftix bbażat fuq test mhijiex daqstant żviluppata u hija għolja ħafna.

[2] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/585/KE tal-24 ta' Awwissu 2006 dwar id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibbiltà online tal-kontenut kulturali u l-konservazzjoni diġitali, , ĠU L 236, 31.8.2006, p. 28-30

Il-ħolqien ta' qafas legali biex jiġu ffaċilitati d-diġitizzazzjoni u t-tixrid transkonfinali ta' xogħlijiet orfni fis-suq uniku huwa wkoll waħda mill-azzjonijiet ewlenin identifikati fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa [3]li hija parti mill-Istrateġija Ewropa 2020[4].

*Sussidjarjetà u proporzjonalità*

Hija meħtieġa proposta leġiżlattiva fil-forma ta' direttiva qafas peress li l-approċċi volontarji, partikolarment ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/585/KE tal-24 ta' Awwissu 2006, ma pproduċewx ir-riżultat mixtieq (sussidjarjetà). Barra minn dan, il-koeżistenza ta' approċċi nazzjonali mhux ikkoordinati li jirregolaw ix-xogħlijiet orfni f'libreriji online tagħmilha diffiċli għal librerija biex ix-xogħlijiet orfni jkunu disponibbli fl-Istat Membri tal-UE kollha[5].

Billi l-problema ta' xogħol orfni hija ostakolu ewlieni għall-ħolqien ta' libreriji diġitali, qafas tal-UE koerenti għall-aċċess transkonfinali għal xogħlijiet orfni hija l-għażla l-inqas intrusiva biex jintlaħaq ir-riżultat mixtieq (proporzjonalità). L-approċċi l-oħrajn kollha jkunu jeħtieġu spejjeż ġenerali amministrattivi u infrastrutturi ta' liċenzjar ikbar għal xogħlijiet orfni biss.

*Analiżi tal-għażliet*

Il-valutazzjoni tal-impatt tanalizza sitt għażliet: (1) ma jsir xejn, (2) eċċezzjoni statutorja għad-dritt tal-awtur, (3) liċenzjar kollettiv estiż, (4) liċenzja speċifika għal xogħol orfni mogħtija mis-soċjetajiet kollettriċi, (5) liċenzja speċifika għal xogħol orfni mogħtija minn korp pubbliku, u (6) ir-rikonoxximent reċiproku ta' soluzzjonijiet nazzjonali dwar xogħlijiet orfni.

L-għażliet kollha ta' politika (ħlief l-Għażla 1) huma msejsa fuq l-adozzjoni ta' direttiva li tkun teħtieġ li l-Istat Membri kollha jadottaw leġiżlazzjoni speċifika għal xogħlijiet orfni fi żmien speċifiku. L-għażliet ta' politika kollha, ħlief għall-Għażla 3, huma msejsa fuq il-ħtieġa li tfittxija diliġenti tkun meħtieġa qabel ma xogħol orfni jkun disponibbli f'librerija diġitali online.

L-Għażla 3, il-mudell ta' "liċenzji kollettivi estiżi" tassumi li, ladarba soċjetà kollettriċi tawtorizza librerija biex tagħmel kotba disponibbli fuq websajt, din il-liċenzja, bis-saħħa ta' preżunzjoni statutorja, tkopri x-xogħlijiet orfni kollha f'dik il-kategorija. Is-soċjetà kollettriċi hija kkunsidrata li tirrappreżenta dawn is-"sitwazzjonijiet anormali" indipendentement minn kemm għamlet tfittxija diliġenti biex tidentifika u ssib l-awtur. Il-mudell Nordiku jippromovuh l-aktar l-Istati Membri nordiċi, għalkemm dawn jammettu li n-nuqqas ta' tfittxija diliġenti tagħmel lil dan il-mudell inqas idoneu bħala għażla Ewropea bbażata fuq ir-rikonoxximent reċiproku. In-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku jimplika wkoll li liċenzja kollettiva estiża tkun valida biss fit-territorju nazzjonali fejn tapplika l-preżunzjoni statutorja.

Il-liċenzja speċifika għal xogħlijiet orfni (l-Għażla 4) tipprovdi libreriji u benefiċjarji oħrajn b'livell għoli ta' ċertezza legali kontra talbiet għad-danni minn proprjetarji li jitfaċċaw mill-

---

[3] Aġenda diġitali għall-Ewropa, COM (2010) 245

[4] Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv: http://ec.europa.eu/eu2020/index_en.htm

[5] F'ċerti Stati Membri, eż Franza, xogħol preparatorju fuq soluzzjoni leġiżlattiva jirrikonoxxi espressament li hija meħtieġa soluzzjoni Ewropea - Conseil Supérieur de la Propriété Littéraire et Artistique Commission sur les œuvres orphelines, p. 19

ġdid. Din l-għażla tgħaqqad tfittxija diliġenti biex jiġi ddeterminat l-istatus ta' orfni ma' arranġament ta' liċenzjar speċifiku dwar xogħlijiet orfni.

Il-liċenzja tal-gvern li tkopri xogħlijiet orfni (l-Għażla 5) tikkostitwixxi ċertifikazzjoni pubblika tat-tiftix diliġenti u għalhekk tagħti livell għoli ta' ċertezza legali lil-librerija diġitali. Dan joħloq piż amministrattiv. Din hija r-raġuni għaliex it-twettiq ta' din is-sistema qabel kellu impatt limitat u ma jintużax fir-rigward ta' proġetti ta' libreriji diġitali fuq skala kbira.

L-eċċezzjoni statutorja (l-Għażla 2) tevita l-oneru li tinkiseb liċenzja tad-dritt tal-awtur imma żżomm it-tiftix diliġenti minn qabel. Madankollu, din l-għażla tipprovdi għal inqas ċertezza legali billi ma hemmx ċertifikazzjoni minn parti terza tat-tiftix diliġenti.

Il-vantaġġ ta' approċċ ibbażat fuq rikonoxximent reċiproku ta' approċċi nazzjonali biex ikunu disponibbli xogħlijiet orfni (l-Għażla 6) huwa li l-libreriji u l-benefiċjarji l-oħrajn ikollhom iċ-ċertezza legali dwar l-"istatus ta' orfni" u jkunu jistgħu jqiegħdu dawn ix-xogħlijiet online. Ir-rikonoxximent reċiproku jiżgura li l-librerija diġitali tkun disponibbli għaċ-ċittadini fl-Ewropa kollha. L-għażla tar-rikonoxximent reċiproku hija sostnuta l-aktar mill-komunità tal-pubblikazzjoni u minn ċerti Stat Membri. Il-pubblikaturi jemmnu li sistema li tipprovdi għall-awtorizzazzjoni biex xogħlijiet orfni jkunu disponibbli online ma tistax teħles minn tiftix diliġenti *a priori*.

*Implimentazzjoni, Monitoraġġ u Evalwazzjoni*

L-għan ewlieni tal-proposta huwa li libreriji u korpi simili li jkollhom skopijiet ta' interess pubbliku bħall-edukazzjoni jew il-preservazzjoni u t-tixrid tal-wirt kulturali, jkunu jistgħu legalment jagħmlu disponibbli u jirriproduċu xogħlijiet orfni. L-implimentazzjoni tal-proposta għandha ssir skont l-għanijiet ta' politika u d-dritt internazzjonali dwar id-dritt tal-awtur.

Il-Kummissjoni ser timmonitorja l-impatti f'perjodu ta' żmien qasir, medju u twil. F' perjodu ta' żmien qasir, il-Kummissjoni ser tiżgura li tiġi adottata leġiżlazzjoni tax-xogħlijiet orfni fl-Istati Membri kollha. F'perjodu ta'żmien medju, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk is-sistema ta' rikonoxximent reċiproku hijiex ser tipprovdi għal aċċess pan-Ewropew għal libreriji diġitali minn kull post fl-UE. Għal perjodu ta' żmien twil, il-Kummissjoni ser tivvaluta sa fejn il-leġiżlazzjoni fuq xogħlijiet orfni kkontribbwixxiet għall-iżvilupp inġenerali tal-libreriji diġitali pan-Ewropej.